**30 ta' Ġunju, 1961**

**Imħallef:—**

**Onor. Dr. W. Harding, C.B.E., K.M., B.Litt., LL.D.**

Ferdinand Sant

*versus*

Giovanni Buttigieg et.

**Ġlieda — Danni — Komunjoni tal-Akkwisti — Mara — Spejjeż Ġudizzjarji — Art. 1372(2) tal-Kodiċi Ċivili**

*F'każijiet ta' ġlied bejn membri diversi ta' familji ostili għal xulxin, fejn ġeneralment ix-xhieda prinċipali huma sospetti minħabba parzjalità stante l-"esprit de famille", u li fihom il-kolluttazzjoni ma tkunx limitata għal tnejn imma tkun ġeneralizzata għal membri diversi tal-familji ostili, il-verità għandha tkun riċerkata fil-valutazzjoni tal-isfond kollu taċ-ċirkustanzi anteċedenti u konkomitanti, li mbagħad iservu għall-apprezzament ġust tax-xhiediet singoli. Fir-rankuri preċedenti, li mbagħad jiskuppjaw fi ġlied, kull familja tħoss li għandha raġun hi, u fil-ġlieda tad-diversi membri kull wieħed jara ruħu, tajjeb jew ħażin, bħala reaġenti għall-inġustizzja u bħala aggredit.*

*Id-diskrezzjoni tal-Qorti fl-apprezzament tad-danni konsegwenzjali għal ġlied simili ma tistgħax tiġi eżerċitata ħlief b'mod approssimattiv.*

*Id-debiti għar-riparazzjonijiet ċivili derivanti minn reat kommess volontarjament minn mara miżżewġa ma għandhomx ikunu a kariku tal-komunjoni tal-akkwisti, kif ma humiex dawk tar-raġel.*

*L-attur li jissokkombi f'domanda li hu jagħmel biex jitħallas minn għand ir-raġel għal danni simili kaġunati minn martu ma jistgħax jilmenta jekk il-Qorti twaħħlu l-ispejjeż tal-kawża fil-konfront tar-raġel li jiġi liberat mid-domanda avanzata kontra tiegħu; għax hu jkun baqa' sokkombent vis-a-vis ir-raġel għal raġunijiet ġa stabbiliti fil-ġurisprudenza nostrali, u mhux in bażi għal xi punt ta' dritt dubbjus jew ġdid.*

Il-Qorti:— Rat l-avviż tal-attur quddiem il-Qorti tal-Maġistrati ta' Malta, li bih talab li l-konvenuti jiġu kundannati jħallsu lill-attur is-somma ta' £9. 3. 6d, jew kull ammont ieħor verjuri, għal danni li huma kkaġunawlu xi żmien ilu, kif jiġi pruvat waqt il-kawża; bl-interessi legali. Bl-ispejjeż, kompriżi dawk tal-ittra nterpellatorja, u bl-inġunzjoni lill-konvenuti għas-subizzjoni;

Rat is-sentenza ta' dik il-Qorti tas-16 ta' Mejju 1961, li biha ċaħdet it-talba tal-attur in kwantu diretta kontra l-konvenut Giovanni Buttigieg, bl-ispejjeż tiegħu kontra l-attur, u laqgħet it-talba tal-attur in kwantu diretta kontra l-konvenua Carmela Buttigieg, u kkundannatha tħallas lill-attur is-somma ta' £5. 10. 0d; l-ispejjeż, barra dawk ġa deċiżi, jitħallsu terz mill-attur u żewġ terzi mill-konvenuta Carmela Buttigieg. Dik il-Qorti kkunsidrat;

Illi din il-Qorti ma taqbelx mal-konklużjoni li għaliha wasal il-perit, u ċjoè li kienet il-konvenuta li aggrediet lill-mart l-attur. Infatti, għalkemm mart l-attur u bintha qalu li kienet il-konvenuta li aggrediet lill-mart l-attur, il-konvenuta tgħid li kienet Delina Sant li marret fuqha u hi ddefendiet ruħha u mbuttatha, u waqqgħetha mal-art. Inoltre, Adelina Sant kompliet tgħid li x'ħin hi qamet mill-art u ppruvat tidħol ġewwa, sabet lill-konvenuta tostakolalha d-dħul; u allura bdew jiġġieldu;

Ir-relazzjonijiet bejn il-kontendenti kienu teżi, u wisq probabbilment il-ġlieda saret għaliex it-tnejn, ċjoè tant Adelina Sant kemm il-konvenuta, riedu jiġġieldu;

Illi għalhekk, f'dan iċ-ċirkustanzi, ma jidherx xieraq li l-konvenuta tiġi ritenuta esklużivament responsabbli tad-danni li ġraw f'dik il-ġlieda; għaliex anki Adelina Sant kellha parti fil-ħtija tal-ġlieda; u għalhekk, in bażi tal-art. 1094 tal-Kodiċi Ċivili, din il-Qorti sejra tirritjeni lill-konvenuta responsabbli fl-entità ta' żewġ terzi;

Ikkunsidrat;

Il-perit legali rritjena li l-konvenut ma kienx ħa ebda parti, u li hu ma kienx responsabbli għal ebda dannu, lan-

qas dawk a kariku ta' martu, peress li d-debiti tal-mara naxxenti "ex delicto" mhumiex a karigu tal-komunjoni. Dan hu konformi għall-ġurisprudenza ta' dawn il-Qrati. Infatti, il-Qorti tal-Appell tal-Maestà Tagħha r-Reġina, in re "Henry F. Mudle vs. Elena Dalli et.", fl-24 ta' April 1937, irriteniet illi:— "Id-dispożizzjoni tal-art. 1036 kapovers (illum art. 1372(2) Kod. Ċiv.) għandha tfisser ukoll illi lanqas id-debiti għar-riparazzjonijiet ċivili derivanti minn reat kommess volontarjament minn mara miżżewġa ma għandhom ikunu a karigu tal-komunjoni, kif ma humiex dawk tar-raġel" (Kollez. Vol. XXIX-I-1578);

Għalhekk, it-talba tal-attur ma tistgħax tiġi milqugħa in kwantu diretta kontra l-konvenut Giovanni Buttigieg;

Ikkunsidrat, kwantu għall-entità tad-danni;

Id-danni pretiżi mill-attur jirrigwardaw (1) libsa ta' Adelina Sant; (2) .......;

*Omissis;*

B'hekk id-danni kollha jammontaw għal £8. 5. 0d, li minnhom il-konvenuta għandha tħallas £5. 10. 0d;

Rat in-nota tal-appell tal-attur, u ċ-ċitazzjoni tiegħu li biha talab ir-revoka ta' dik il-parti tas-sentenza li biha ġiet miċħuda in parti t-talba tiegħu u fejn akkollat parti millispejjeż tal-kawża lill-attur, billi tiġi konfermata għall-bqija; bl-ispejjeż tal-appell;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

L-appellant speċifika t-tliet aggravji minnu pretiżi sofferti bis-sentenza profferita mill-Qorti tal-Ewwel Grad. Dawn huma verbalizzati fol. 62;

Fuq l-ewwel aggravju, fis-sens illi l-konvenuta għandha tkun responsabbli nterament, u mhux biss għal żewġ terzi;

Din il-Qorti taqbel ma' dik tal-Ewwel Grad li l-konklużjoni tal-perit adoperat fl-ewwel istanza mhijiex aċċettabbli. Dak il-perit issofferma ruħu żżejjed fuq l-aspett iżolat ta' xi partijiet tax-xhieda tal-konvenut bħala konfermanti, fil-fehma tiegħu, ix-xhiedet ta' mart l-attur u binthom Pina Sant (ara paġ. 45 nri. 1 u 2), mentri l-verità, fil-każ ta' fatti simili, li fihom ġeneralment ix-xhieda prinċipali huma sospetti minħabba parzjalità, stante l-"esprit de famille", u li fihom il-kolluttazzjoni ma tkunx limitata għal tnejn, imma tkun ġeneralizzata għal membri diversi tal-familja, ostili għal xulxin, għandha tkun riċerkata fil-valutazzjoni tal-isfond kollu taċ-ċirkustanzi anteċedenti u konkomitanti, li mbagħad iservu għall-apprezzament ġust tax-xhiediet singoli;

Fir-rankuri preċedenti, li mbagħad jiskuppjaw fi ġlied, kull familja tħoss li għandha raġun hi, u fil-ġlieda tad-diversi membri kull wieħed jara ruħu, "bene o male", bħala reaġenti għall-inġustizzja u bħala aggredit. Issa, meta wieħed jaqra u jiżen sewwa d-diversi depożizzjonijiet f'din il-kawża kollha tal-interessati, ad eċċezzjoni ta' dik ta' Giuseppe Camilleri (li hi, però, pjuttost inkonkluživa), għandu jasal għall-konklużjoni li l-membri kollha tal-familja waħda u l-oħra, dak inhar, inaspriti b'inċidenti preċedenti, ħarġu għall-ġlied, kompriża mart l-attur, b'dan li l-konvenuta kienet aktar ħafifa minnha, u fil-ġlieda ħadet malajr is-sopravvent fuqha. Għalhekk ma jidherx affattu ċensurabbli l-ġudizzju tal-Maġistrat in prima istanza fl-allokazzjoni tal-ħtija, żewġ terzi l-konvenuta u terz mart l-attur, li għaliha żewġha qed jitlob id-danni;

Dwar it-tieni aggravju, fis-sens li r-riduzzjoni ta' 19s. 6d., magħmula għar-rigward tat-tliet partiti msemmija fis-sentenza, ma humiex ġustifikati;

Ikkunsidrat;

Fuq l-ammont ta' £3. 9. 6d, l-Ewwel Qorti għar-raġunijiet minnha ndikati fis-sentenza appellata, għamlet riduzzjoni ta' 19s. 6d. in eżerċizzju tad-diskrezzjoni tagħha. Hu ovvju li f'ammont hekk żgħir, u fiċ-ċirkustanzi tal-każ, id-diskrezzjoni ma tistgħax tiġi eżerċitata ħlief f'mod appros-

simattiv, u mhux bil-bilanċa awrea tal-alkemisti; u ma hemm xejn li jawtorizza lil din il-Qorti tgħid li r-riduzzjoni kien imissa kienet akbar jew iżgħar, għax l-istess ikun approssimattiv il-ġudizzju ta' din il-Qorti. F'dak is-sens ingħad "de minimis non curat praetor". Kienet altru li ġustifikata l-Ewwel Qorti li ma ordnax perizja għall-istima tad-danni, speċjalment f'kawżi fejn diġà kienu saru, u baqgħu jsiru, tant spejjeż għal meritu pjuttost żgħir; u anki l-ġudizzju ta' perit tekniku f'każ simili kien ikun approssimattiv;

Fuq it-tielet aggravju, fis-sens li l-ispejjeż tal-konvenut ma jmisshomx ġew karikati fuq l-attur;

Ikkunsidrat;

Dan il-gravam ma tantx jiftiehem. L-attur baqa' sokkombent vis-a-vis l-konvenut, għal raġunijiet legali ġa stabbiliti fil-ġurisprudenza nostrali, u mhux in bażi għal xi punt ta' dritt dubbjus jew ġdid; u hija regola proċedurali li s-sokkombenti, meno f'każijiet speċjali, iħallas l-ispejjeż;

Għalhekk tiddeċidi;

Billi tiċħad l-appell u tikkonferma fil-meritu u fil-kap tal-ispejjeż is-sentenza appellata; bl-ispejjeż ta' din l-istanza kontra l-attur appellant.

**Tmiem tal-Ewwel Parti tal-Volum XLV**